MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Numru 735/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**v**

**RENE HARMSWORTH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RENE HARMSWORTH** t'erbgha w ghoxrin sena bin Francis u Mary Anne nee Brincat, imwieled Pieta nhar l-ghxorin t’April 1982 u residenti 30, Triq is-Sajjieda, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 223882M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-tnejn ta’ Jannar 2006 u matul x-xhur ta’ qabel, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jw imexxihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-fedina penali tal-imputat esibita bhala Dok. CSH 1 a fol 8 tal-atti, l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha t'Awissu 2006 esibit a fol 11 tal-atti bhala Dok. CSH 2, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta, l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar t-tnejn ta' Jannar 2006 esibita bhala Dok. CSH 3 a fol 12 tal-atti, l-okkorrenza relattiva esibita bhala Dok. CSH 4 a fol 15 et seq, u ricevuta rigward *mobile phone* tal-marka Nokia esibita bhala Dok. CSH 5 a fol 18 tal-atti.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tad-disgha t'Ottubru 2006 [fol 34] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2008.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha t'Ottubru 2006 **xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 35] fejn qal li fid-disgha w ghoxrin ta' Gunju 2005, hu kien gie delegat biex jinvestiga sensiela ta' serq minn fuq il-persuna maghrufa bhala *snatch and grab*, u fost r-rapport li kien hemm, kien hemm wiehed ta' certa Barnarda Farrugia miz-Zejtun. Qal li Bernarda Farrugia kienet allegat li waqt li kienet ghaddejja minn Triq Miggiani, Hamrun, mar ragel fuqha minn wara u serqilha l-*handbag* li kien fih diversi oggetti fosthom *mobile phone* tal-marka Nokia. Qal li hu talab lil GoMobile sabiex jaghtuh l-informazzjoni rigward dak in-numru partikolari u dawn tawh l-informazzjoni li hemm esibita fid-Dok. CSH 6 li fiha kien hemm li dan kien qed jithaddem mill-imputat odjern Rene Harmsworth mill-Marsa.

Ix-xhud zied jghid li sussegwentement, hu kien baghat ghal imputat u meta mar ghandu, l-imputat kien fil-pussess ta' dan il-*mobile phone* li sussegwentement gie mehud mill-pulizija ghal aktar investigazzjoni, liema *mobile phone* gie esibit formalment bhala Dok. CSH 7. Ix-xhud kompla jghid li hu staqsa lil imputat kif kien spicca f'idejn dak l-*mobile phone* u l-imputat kien irrispondih li kien xtrah minn hdejn d-Detox ghal prezz ta' ghaxar liri maltin bic-*charger* b'kollox. Qal li meta staqsa lil imputat jekk kellux xi ricevuta tieghu, dan wiegeb fin-negattiv. Qal li staqsih jekk kienx ghaddielu xi hsieb li setgha kien misruq, l-imputat kien wiegbu li kien ghamel hazin ghax basar li setgha kien gej minn serq minn xi persuni li jiffrekwentaw d-Detox. Qal li meta staqsa lil imputat jekk kienx hu li serqu, ovvjament dan innega dan il-fatt w insista li kien xtrah ghal ghaxar liri maltin. Zied jghid li waqt l-interrogazzjoni li saritlu, wara li nghata s-solita twissija, l-imputat wiegeb ghal kull mistoqsija li saritlu. Qal li kien minnu, li meta dahal fl-ufficcju tieghu, l-imputat pogga l-*mobile phone* li kellu fuq l-iskrivanija tieghu. Qal li s-SIM Card li nserixxa go dan il-*mobile phone*, kienet wahda registrata mal-GoMobile u kien b'hekk li waslu ghal imputat odjern.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **rega' xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 60] fejn esibixxa *mobile phone* tal-ghamla Nokia 3310 li gie mmarkat bhala Dok. JM. Qal li dan il-*mobile phone* instab fuq il-persuna tal-imputat li gharaf presenti fl-awla wara li ezamina xi dokumenti li kien tah s-Sur Bonnici. Mistoqsi jekk l-imputat marx quddiemu wara li baghat ghalih, bil-*mobile phone* f'idejh u poggieh fuq l-iskrivanija u hu hadlulu, x-xhud wiegeb li mhux hekk kien il-kaz izda hu kien baghat xi pulizija sabiex ifittxu fuq il-persuna tal-imputat, biex jaraw jekk kellux xi *mobile phone*. Qal li ma jiftakarx jekk kienux hadululu huma jew tahulhom hu.

Illi nhar d-disgha t'Ottubru 2006 **xehdet Bernarda Farrugia** [fol 38] fejn qalet li f'jum l-Imnarja tas-sena 2005, hi kienet marret ghamlet rapport l-ghassa tal-pulizija taz_Zejtun li xi hadd kien hatfilha l-*handbag* minn fuqha waqt li kienet miexja bejn l-Marsa w il-Hamrun. Qalet li fil-

*handbag*, dakinhar kellha fost oggetti ohra, *mobile phone*, li pero ma ftakritx n-numru tieghu. Mistoqsija jekk kienetx f'posizzjoni li tgharaf il-persuna li aggrediet u hatfitilha l-*handbag* bil-*mobile phone* fih dakinhar, x-xhud wiegbet li ma kienetx f'posizzjoni li taghmel dan.

In kontr'ezami ix-xhud qalet li l-mobile phone in kwistjoni kienet xtratu gdid xi tlett snin qabel, anzi qalet li kienet qalghetu bhala rigal.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehed Anthony Bonnici** [fol 41] rapprezentant tas-socjeta GoMobile, fejn qal li hu kien gie mitlub jaghti u jippresenta l-korrispondenza li ghaddiet lil pulizija nhar s-sebgha ta' Dicembru 2005 fejn kien involut l-imputat. Hu esibixxa tali korrispondenza bhala Dok. GO [fol 43 et seq].

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehed PC 835 Charles Grech** [fol 58] fejn, wara li gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u esibita bhala Dok. CSH 3, [fol 12], ikkonferma li din giet rilaxxjata mill-imputat presenti fl-awla wara li gie moghti s-solita twissija. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Carmelo Magri kif wkoll tal-imputat fuq kull faccata taghha.

Illi b'digriet tat-tlettax ta' Novembru 2006 [fol 40] il-Qorti kienet innominat lil Dottor Steven Farrugia Sacco sabiex jaghti stima tal-*mobile phone* esibit bhala dokument JM.
Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2007 deher Dottor Steven Farrugia Sacco u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala Dok. SFS [fol 73 et seq]. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-mobile phone tal-marka Nokia 3310 – IMEI – 353392/00/846324/6 jiswa circa ghaxar [10] liri maltin.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2008 **xehed PS 201 Sandro Mangion** [fol 78] fejn esibixxa rapport li kien sar fid-disgha w ghoxrin ta' Gunju 2005 fejn Bernarda Farrugia kienet allegat li ftit qabel waqt li kienet ghaddejja minn Triq Miggiani, l-Hamrun, liema triq tigi ma gemb il-knisja tal-Blata l-bajda, kienet sfat vittma ta' *snatch and*

*grab*, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. CSH 4. Ix-xhud ikkonferma li kien hu li ha dan r-rapport.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat verament kien fil-pussess tal-*mobile phone* ta' Bernarda Farrugia. Jirrizulta li l-imputat, skond ma qal hu stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu stess nhar t-tnejn ta' Jannar 2006, kien xtara dan il-*mobile set* xi sitt xhur qabel u cioe fl-istess zmien (Gunju 2005) li Bermarda Farrugia qalet li minnu giet derubata. Jirrizulta li l-istess Bernarda Farrugia gharfet l-*mobile phone* esibit l-Qorti bhala Dok. JM. Meta l-imputat gie mistoqsi jekk kellux ricevuta ta' dan l-*mobile phone* li qal li xtara ghal prezz ta' ghaxar liri maltin, l-imputat qal li ma kellux u lanqas kien jaf minghand min kien xtrah. Qal wkoll li seta' nduna li kien gej minn serq.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tancred Borg**:

*"Li wiehed jkollu suspett ta' xi rregolarita jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza, kif certament kellu l-imputat w intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konkluzziva dwar dan l-element intenzjonali [vide wkoll **Il-Pulizija v George Tabone** deciza mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1961** u **Il-Pulziija v Vincent Calleja** deciza wkoll mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Novembru 1978 .**]*

Referenza ohra ssir ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1961*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Dimech**, fejn intqal li:

*"Meta l-persuna li tircievi oggett jkollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggetti minghajr ma taghmel xejn biex taccerta li l-pussess ta' dik il-persuna l-*

*ohra kien legittimu u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-element tax-scientia rikjest ghall-integrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni."*

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 8 tal-atti immarkata bhala Dok. CSH minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu zewg *convictions* registrati fuqha dwar pussess u traffikar ta' droga, fejn inghata piena ta' prigunerija u multa.

Illi ghalhekk jidher li l-imputat ma tghallimx mill-izbalji tieghu tal-passat tant li rega' kiser dufrejh mal-gustizzja w ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha timponi piena karcerarja sospiza stante li m'inghatax r-recidiva.

Ghalhekk **il-Qorti** fid-dawl ta' dawn il-provi, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat RENE HARMSWORTH hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn (2) ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra tal-espert Dottor Stephen Farrugia Sacco (fol 75) fl-ammont ta' sitta w tletin Euro u hdax il-Euro centezmi [€36.11] u dan fi zmien xahar mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------